Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Ġunju 2020
(OR. en)

8420/20

ECOFIN 420
UEM 185
SOC 347
EMPL 266
COMPET 222
ENV 288
EDUC 207
RECH 187
ENER 159
JAI 419
FSTR 77
REGIO 108
GENDER 57
ANTIDISCRIM 50

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti |
| Nru dok. Cion: | ST 8172/20 - COM(2020) 501 final |
| Suġġett: | Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2020 tal-Belġju u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2020 tal-Belġju |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif rivedut u maqbul minn diversi kumitati tal-Kunsill, abbażi tal-Proposta tal-Kummissjoni COM(2020) 501 final.

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta' …**

**dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2020 tal-Belġju u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2020 tal-Belġju**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

(1) Fis-17 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni adottat l-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli, li tat bidu għas-Semestru Ewropew tal-2020 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Hija ħadet kont debitu tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, iddikjarat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Fis-17 ta' Diċembru 2019, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2], il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih ma identifikatx lill-Belġju bħala wieħed mill-Istati Membri li jirrikjedi li jsirlu rieżami fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro.

(2) Ir-rapport dwar il-pajjiż għall-2020 fir-rigward tal-Belġju ġie ppubblikat fis-26 ta' Frar 2020. Huwa vvaluta l-progress tal-Belġju fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fid-9 ta' Lulju 2019[3] ("ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019"), is-segwitu mogħti lir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tal-Belġju lejn il-miri nazzjonali tal-Ewropa għall-2020.

(3) Fil-11 ta' Marzu 2020, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa uffiċjalment iddikjarat it-tifqigħa tal-COVID-19 bħala pandemija dinjija. Din hija emerġenza serja tas-saħħa pubblika għaċ-ċittadini, is-soċjetajiet u l-ekonomiji. Qiegħda tpoġġi lis-sistemi tas-saħħa nazzjonali taħt pressjoni qawwija, tikkawża tfixkil fil-katini ta' provvista dinjija, toħloq volatilità fis-swieq finanzjarji, tiskatta xokkijiet fid-domanda tal-konsumatur u qed ikollha effetti negattivi f'diversi setturi. Qiegħda tkun ta' theddida għall-impjiegi u għad-dħul tan-nies kif ukoll għan-negozju tal-kumpaniji. Hija kkawżat xokk ekonomiku kbir li diġà qiegħed ikollu riperkussjonijiet serji fl-Unjoni. Fit-13 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni li tappella għal reazzjoni ekonomika koordinata għall-kriżi, li tinvolvi l-atturi kollha fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-Unjoni.

---

2 Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi, (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

3 ĠU C 301, 5.9.2019, p. 1.

(4) Diversi Stati Membri ddikjaraw stat ta’ emerġenza jew daħħlu miżuri ta’ emerġenza. Jenħtieġ li kwalunkwe miżura ta' emerġenza tkun strettament proporzjonata, neċessarja, b'terminu ta' żmien limitat, u konformi ma' standards Ewropej u internazzjonali. Jenħtieġ li tkun soġġetta għal sorveljanza demokratika u skrutinju ġudizzjarju indipendenti.

(5) Fl-20 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni dwar l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-klawżola liberatorja ġenerali, kif previst fl-Artikolu 5(1), 6(3), 9(1) u 10(3) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 u fl-Artikoli 3(5) u 5(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97[4], tiffaċilita l-koordinament tal-politiki baġitarji fi żminijiet ta' tnaqqis qawwi fir-ritmu ekonomiku. Fil-komunikazzjoni tagħha tal-20 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni kkunsidrat li, meta titqies il-kriżi ekonomika qawwija mistennija bħala riżultat tal-pandemija tal-COVID-19, il-kondizzjonijiet għall-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali kienu sodisfatti u talbet li l-Kunsill japprova din il-konklużjoni. Fit-23 ta' Marzu 2020, il-Ministri għall-finanzi tal-Istati Membri qablu mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni. Huma qablu li l-kriżi ekonomika qawwija tirrikjedi reazzjoni reżoluta, ambizzjuża u kkoordinata. L-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tippermetti devjazzjoni temporanja mill-perkors ta’ aġġustament lejn l-objettiv baġitarju fuq perjodu medju ta' żmien, sakemm dan ma jpoġġix fil-periklu s-sostenibbiltà fiskali fuq il-perjodu medju ta' żmien. Fil-każ tal-parti korrettiva, il-Kunsill jista’ wkoll jiddeċiedi, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, li jadotta trajettorja fiskali riveduta. Il-klawżola liberatorja ġenerali ma tissospendix il-proċeduri tal-Patt ta’ Stabbiltà u Tkabbir. Din tippermetti li l-Istati Membri jiddevjaw mir-rekwiżiti baġitarji li normalment ikunu japplikaw fil-waqt li l-Kummissjoni u l-Kunsill ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri neċessarji ta’ koordinazzjoni tal-politika fi ħdan il-qafas tal-Patt.

4 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6).

(6) Hija meħtieġa azzjoni kontinwa biex jiġi limitat u kontrollat it-tixrid tal-pandemija tal-COVID-19, tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistemi nazzjonali tas-saħħa, jittaffew il-konsegwenzi soċjoekonomiċi tal-pandemija permezz ta' miżuri ta' sostenn għan-negozji u l-unitajiet domestiċi, u jiġu żgurati kondizzjonijiet adegwati ta' saħħa u sigurtà fil-postijiet tax-xogħol bil-għan li tinbeda mill-ġdid l-attività ekonomika. Jenħtieġ li l-Unjoni tuża b'mod sħiħ id-diversi għodod li għandha għad-dispożizzjoni tagħha biex tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri f'dawk l-oqsma. B'mod parallel, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Unjoni jaħdmu flimkien biex iħejju l-miżuri meħtieġa biex iġibu lura l-funzjonament normali tas-soċjetajiet u l-ekonomiji tagħna u t-tkabbir sostenibbli, jintegraw fost l-oħrajn it-tranżizzjoni ekoloġika u t-trasformazzjoni diġitali, u jieħdu tagħlimiet mill-kriżi.

(7) Il-kriżi tal-COVID-19 tefgħet enfasi fuq il-flessibbiltà li joffri s-suq intern ta' adattament għal sitwazzjonijiet straordinarji. Madankollu, sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni malajr u bla xkiel lejn il-fażi ta' rkupru u l-moviment liberu ta' oġġetti, servizzi u ħaddiema, jenħtieġ li jitneħħew dawk il-miżuri eċċezzjonali li ma jħallux lis-suq intern jiffunzjona b'mod normali hekk kif dawn ma jibqgħux indispensabbli. Il-kriżi kurrenti evidenzjat il-ħtieġa li jkun hemm pjanijiet ta' tħejjija għall-kriżijiet fis-settur tas-saħħa. Strateġiji mtejba ta' akkwist, katini ta' provvista diversifikati u riżervi strateġiċi ta' provvisti essenzjali huma fost l-elementi kruċjali għall-iżvilupp ta' pjanijiet usa' għat-tħejjija għall-kriżijiet.

(8) Il-leġiżlatur tal-Unjoni diġà emenda l-oqfsa leġiżlattivi rilevanti permezz tar-Regolamenti (UE) 2020/460[5] u (UE) 2020/558[6] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jippermetti lill-Istati Membri jattivaw ir-riżorsi kollha mhux użati mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej sabiex ikunu jistgħu jindirizzaw l-effetti eċċezzjonali tal-pandemija tal-COVID-19. Dawk l-emendi ser jipprovdu flessibbiltà addizzjonali, kif ukoll proċeduri ssimplifikati u razzjonalizzati. Sabiex jittaffew il-pressjonijiet ta' nuqqas fil-flussi ta' flus, l-Istati Membri jistgħu jibbenefikaw ukoll minn rata ta' kofinanzjament ta' 100 % mill-baġit tal-Unjoni fis-sena kontabilistika 2020-2021. Il-Belġju huwa mħeġġeġ li jagħmel użu sħiħ minn dawk il-possibbiltajiet sabiex tingħata għajnuna lill-individwi u s-setturi l-aktar milquta.

(9) Il-konsegwenzi soċjoekonomiċi tal-pandemija tal-COVID-19 aktarx ma jitqassmux b'mod uniformi fit-territorji kollha minħabba xejriet ta' speċjalizzazzjoni differenti. Dan jinvolvi riskju sostanzjali li jikbru l-inugwaljanzi interreġjonali u intrareġjonali fil-Belġju. Flimkien mar-riskju ta' tnaqqis temporanju fil-proċess ta' konverġenza bejn l-Istati Membri, is-sitwazzjoni attwali titlob reazzjoni ta' politika mfassal apposta.

(10) Fit-30 ta' April 2020, il-Belġju ppreżenta l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tiegħu tal-2020 u l-Programm ta' Stabbiltà tiegħu tal-2020. Sabiex jitqiesu r-rabtiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess ħin.

(11) Il-Belġju bħalissa jinsab fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u soġġett għar-regola tad-dejn.

---

5 Regolament (UE) 2020/460 tal-Parlament Ewropew u tal Kunsill tat-30 ta' Marzu 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 508/2014 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi biex jiġu mmobilizzati investimenti fis-sistemi tal-kura tas-saħħa tal-Istati Membri u f'setturi oħra tal-ekonomiji tagħhom b'reazzjoni għat-tifqigħa COVID- 19 (Inizjattiva ta' Investiment b'Reazzjoni għall-Coronavirus) (ĠU L 99, 31.3.2020, p. 5).

6 Regolament (UE) 2020/558 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1301/2013 u (UE) Nru 1303/2013 rigward miżuri speċifiċi biex tingħata flessibbiltà eċċezzjonali għall-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej b'reazzjoni għat-tifqigħa ta' COVID-19 (ĠU L 130, 24.4.2020, p. 1).

(12) Fit-13 ta' Lulju 2018, il-Kunsill irrakkomanda lill-Belġju biex jiżgura li r-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett[7] ma teċċedix il-1,8 % fl-2019, li tikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,6 % tal-prodott domestiku gross (PDG). Billi l-Belġju ġie vvalutat li jikkwalifika għad-devjazzjoni temporanja mitluba ta' 0,5 % tal-PDG taħt il-klawżola tar-riforma strutturali, l-aġġustament strutturali mitlub għall-2019 tnaqqas għal 0,1 % tal-PDG, li jikkorrispondi għal rata ta' tkabbir nominali tal-infiq primarju nett li ma taqbiżx it-2,8 % fl-2019. Il-valutazzjoni kumplessiva tal-Kummissjoni tikkonferma devjazzjoni sinifikanti mill-perkors ta' aġġustament rakkomandat lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju fl-2019 u matul l-2018 u l-2019 flimkien. Dan huwa fattur rilevanti fir-rapport tal-Kummissjoni li tħejja skont l-Artikolu 126(3) tat-Trattat li jivvaluta l-konformità tal-Belġju mal-kriterju tad-dejn fl-2019.

(13) Fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2020 tiegħu, il-gvern federali qiegħed jippjana li l-bilanċ nominali jiddeterjora minn defiċit ta' 1,9 % tal-PDG fl-2019 għal defiċit ta' 7,5 % tal-PDG fl-2020. Wara li naqas għal 98,6 % tal-PDG fl-2019, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż mal-PDG mistenni li jiżdied għal madwar 115 % fl-2020 skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2020. Il-prospettiva makroekonomika u fiskali hija affettwata mill-inċertezza kbira minħabba l-pandemija tal-COVID-19.

[7] L-infiq primarju nett tal-gvern hu magħmul mill-infiq totali tal-gvern mingħajr l-infiq marbut mal-imgħax, l-infiq marbut mal-programmi tal-Unjoni kompletament koperti mid-dħul tal-fondi tal-Unjoni u mill-bidliet mhux diskrezzjonali fl-infiq marbut mal-benefiċċju tal-qgħad. Il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss iffinanzjata fuq livell nazzjonali hija mifruxa fuq perjodu ta' erba' snin. Il-miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew iż-żidiet tad-dħul b'mandat tal-liġi huma fatturati. Il-miżuri ta' darba fuq in-naħa kemm tad-dħul kif ukoll tan-nefqa huma esklużi.

(14) Bħala reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19, u bħala parti minn approċċ ikkoordinat tal-Unjoni, il-Belġju adotta miżuri baġitarji f'waqthom sabiex iżid il-kapaċità tas-sistema tas-saħħa tiegħu, irażżan il-pandemija, u jipprovdi solliev lil dawk l-individwi u setturi li jkunu ntlaqtu b'mod partikolari. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2020, dawk il-miżuri baġitarji ammontaw għal 2,3 % tal-PDG. Il-miżuri jinkludu skema temporanja federali ta' benefiċċju tal-qgħad, introjtu ta' sostituzzjoni għall-ħaddiema għal rashom, provvediment federali għal nefqa relatata mal-kriżi, diversi provvedimenti reġjonali għall-kumpaniji jew l-individwi u sussidji settorjali. Il-kwantifikazzjoni tal-miżuri li jżidu d-defiċit ġeneralment tikkoinċidi mal-istimi tal-Kummissjoni, ladarba jitqies it-trattament differenti tal-kost tal-istabbilizzaturi awtomatiċi. Barra minn hekk, il-Belġju ħabbar miżuri li, filwaqt li ma jkollhomx impatt baġitarju dirett, ser jikkontribwixxu fl-għoti ta' sostenn għal-likwidità tan-negozji. Dawk il-miżuri jikkonċernaw kemm il-garanziji tas-self federali kif ukoll reġjonali għall-kumpaniji u għall-ħaddiema għal rashom, li l-Programm ta' Stabbiltà tal-2020 jistma għal 11,8 % tal-PDG. Id-differimenti ta' taxxa, b'mod partikolari għat-taxxi korporattivi u fuq l-introjtu personali u l-kontribuzzjonijiet soċjali, diġà ġew implimentati wkoll iżda l-Programm ta' Stabbiltà tal-2020 ma jikkwantifikahomx. B'mod ġenerali, il-miżuri li ħa l-Belġju huma konformi mal-linji-gwida stabbiliti fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Marzu 2020. L-implimentazzjoni sħiħa tal-miżuri ta' emerġenza u tal-miżuri fiskali ta' appoġġ, segwita minn iffukar ġdid tal-politiki fiskali lejn il-kisba ta' pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq perjodu medju ta' żmien, meta jkunu jippermettu l-kondizzjonijiet ekonomiċi, ser ikunu ta' kontribut għall-preservazzjoni tas-sostenibbiltà fiskali fuq perjodu medju ta' żmien.

(15) Fuq il-bażi tat-tbassir tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa tal-2020, jekk ma jkun hemm ebda tibdil ta' politika, il-bilanċ tal-gvern estiż tal-Belġju huwa mbassar li jkun ta' -8,9 % tal-PDG fl-2020 u -4,2 % tal-PDG fl-2021. Il-proporzjoni tad-dejn tal-gvern estiż huwa pprojettat li jilħaq 113,8 % tal-PDG fl-2020.

(16) Fl-20 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni ħarġet rapport imħejji skont l-Artikolu 126(3) tat-Trattat minħabba n-nonkonformità tal-Belġju mar-regola tad-dejn fl-2019 u li qiegħed jippjana li jaqbeż il-limitu fuq id-defiċi ta' 3 % tal-PDG fl-2020. B'mod ġenerali, l-analiżi mill-Kummissjoni tindika li l-kriterji tad-defiċit u tad-dejn kif definiti fit-Trattat u fir-Regolament (KE) Nru 1467/97 ma twettqux.

(17) B'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19, l-awtoritajiet Belġjani adottaw pakkett komprensiv ta' miżuri biex itaffu l-impatt soċjali u ekonomiku tat-tnaqqis qawwi fir-ritmu ekonomiku. Hemm skema ta' garanzija ta' EUR 50 biljun fis-seħħ għall-kreditu ġdid ta' terminu qasir għan-negozji vijabbli. Ir-reġjuni u l-komunitajiet introduċew ukoll garanziji għal self tranżitorju u regolari tan-negozju, appoġġ ta' likwidità għan-negozji fil-forma ta' self dirett u miżuri li jappoġġaw finanzjarjament lin-negozji l-aktar affettwati mill-kriżi tal-COVID-19. Ir-rimborż tal-mutwi ipotekarji eżistenti u tas-self tan-negozju jista' jiġi estiż. Jeżisti moratorju temporanju fuq il-proċedimenti ta' falliment għan-negozji milquta ħażin. Ġew introdotti inċentivi differenti biex iħeġġu aktar ħaddiema jibqgħu jaħdmu jew jerġgħu jibdew jaħdmu biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-operat. Il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u l-pagamenti tat-taxxa, bħat-taxxa fuq il-valur miżjud, it-taxxi korporattivi u fuq l-introjtu personali, jistgħu jiġu diferiti jew eżentati f'xi każijiet. Il-gvern federali għamel l-iskema temporanja tal-qgħad minħabba forza maġġuri għad-dispożizzjoni tal-kumpaniji affettwati mill-kriżi tal-COVID-19, b'żieda fil-benefiċċji. Jeżisti introjtu ta' sostituzzjoni kull xahar għall-ħaddiema għal rashom li l-attività tagħhom ġiet interrotta għal mill-inqas sebat ijiem konsekuttivi. Id-digressività tal-benefiċċji tal-qgħad hija ffriżata temporanjament. Il-gvern federali qed iħejji wkoll sensiela addizzjonali ta' miżuri kontra l-insolvenza tan-negozji, bħall-eżenzjoni mit-taxxa korporattiva u fuq l-introjtu personali għas-sena fiskali 2020.

(18) Is-sistema tas-saħħa tal-Belġju għandha prestazzjoni tajba fil-kura akuta fl-isptarijiet. Madankollu, il-pandemija tal-COVID-19 enfasizzat għadd ta' nuqqasijiet fir-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa meta tħabbat wiċċha ma' kriżi estrema tas-saħħa pubblika. Dan jindika li l-Belġju qed iħabbat wiċċu ma' nuqqas strutturali ta' ħaddiema tas-saħħa li jeħtieġ li jiġi indirizzat. Fil-futur immedjat, se jibqa' kruċjali li jiġu żgurati biżżejjed prodotti mediċi kritiċi, inkluż tagħmir protettiv, b'mod partikolari għall-ħaddiema tas-saħħa u għall-ħaddiema f'okkupazzjonijiet oħra li jesponuhom għall-periklu. Fiż-żmien qasir u medju, se jibqa' essenzjali li jkun hemm strateġija tal-kura tas-saħħa pubblika, li tkun ikkoordinata bis-sħiħ mal-politiki ta' prevenzjoni u ta' kura fit-tul, biex tiżgura li kriżijiet tas-saħħa pubblika bħall-pandemija tal-COVID-19 jiġu ġestiti b'mod effettiv. L-implimentazzjoni bla xkiel tal-Ftehim tal-Konferenza Interministerjali dwar il-kura tas-saħħa pubblika biex ikun hemm persunal tal-isptar u infrastruttura (kompetenza federali) temporanjament għad-dispożizzjoni tal-faċilitajiet ta' kura fit-tul (kompetenza komunitarja) matul il-kriżi tal-COVID-19 hija element kostitwenti importanti f'dan il-kuntest.

(19) Wara li ntlaħqu livelli għoljin rekord ta’ impjiegi fl-2019 u fil-bidu tal-2020, il-kriżi tal-COVID-19 waqqfet għal għarrieda t-tkabbir tal-impjiegi fil-Belġju. L-iskemi ta' appoġġ eżistenti tal-introjtu pubbliku tal-Belġju, bħas-sistema tal-qgħad temporanju għall-impjegati u d-dritt tranżitorju għall-ħaddiema għal rashom, jagħtu kumpens parzjali għat-telf fl-introjtu minħabba tnaqqis fil-ħin tax-xogħol. Dawn l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar għandhom rwol ewlieni biex inaqqsu l-impatt tat-tnaqqis fl-output tal-produzzjoni fuq il-livelli tal-impjiegi. Madankollu, il-qgħad huwa mistenni li jogħla għal 7 % fl-2020 u jonqos xi ftit għal 6,6 % fl-2021. Sabiex jiġi evitat li ż-żieda fil-qgħad issir waħda strutturali, jenħtieġ li jsiru aktar sforzi biex tissaħħaħ l-effettività tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol eżistenti, li għadhom baxxi billi jeżisti sehem għoli min-nies qiegħda li jipparteċipaw fil-miżuri attivi tas-suq tax-xogħol flimkien ma’ tranżizzjoni baxxa mid-dinja tal-qgħad għad-dinja tax-xogħol. Jenħtieġ li ssir attenzjoni partikolari biex jiġi żgurat approċċ komprensiv għal dawk l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol li aktarx se jkunu l-aktar affettwati mill-konsegwenzi soċjoekonomiċi negattivi tal-kriżi tal-COVID-19. Gruppi vulnerabbli jinkludu b’mod partikolari dawk b’livell baxx ta’ ħiliet, persuni li ġejjin minn kuntest ta’ migrazzjoni u persuni b’diżabbiltà. Barra minn hekk, il-porzjon ta' taxxa fuq ix-xogħol bħala medja għadu għoli fil-livelli kollha tal-pagi, ħlief għall-ħaddiema b'paga baxxa ħafna (50 % tal-paga medja). Dan huwa fattur importanti tal-kost relattivament għoli tax-xogħol, li jista’ jaffettwa b’mod negattiv id-domanda għall-ħaddiema, b’mod partikolari għall-impjiegi bi produttività baxxa.

(20) Jenħtieġ li l-mobbiltà tax-xogħol tiġi mbutattata lejn is-setturi fejn hemm nuqqasijiet kbar, fosthom l-okkupazzjonijiet tas-saħħa, tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (information and communication technologies, ICT) u dawk tekniċi u professjonali. Dan se jkun akkumpanjat minn ħtiġijiet importanti f'termini ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet u se jkun jeħtieġ li jiżdied il-livell tal-parteċipazzjoni tal-adulti fl-edukazzjoni u fit-taħriġ, inkluż billi jintużaw perjodi ta' tnaqqis fis-sigħat tax-xogħol. Hemm tħassib li l-iskemi eżistenti tal-inċentivi għat-taħriġ ma jilħqux lil dawk li jibbenefikaw minnhom l-aktar, bħal dawk b'livell baxx ta' ħiliet, il-ħaddiema akbar fl-età u l-persuni li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni. Il-ħiliet lingwistiċi fqar huma ostaklu kbir, b'mod partikolari għas-suq tax-xogħol bilingwi ta' Brussell. Il-komunitajiet qed jieħdu azzjoni biex iżidu t-teħid tal-istudji fix-xjenza, fit-teknoloġija, fl-inġinerija u fil-matematika, iżda hemm lok għal strateġiji aktar komprensivi biex tiġi ssodisfata d-domanda futura tas-suq tax-xogħol. Il-livell kumplessiv tal-ħiliet diġitali huwa tajjeb, iżda għadu staġnat. Fost iż-żgħażagħ, u b'mod partikolari fost dawk li għandhom edukazzjoni baxxa, il-livell ta' ħiliet diġitali huwa aktar baxx mill-medja tal-Unjoni u mar għall-agħar f'dawn l-aħħar snin. Id-disponibbiltà ta' tagħmir adegwat u konnessjoni tal-internet għall-istudenti kollha akkumpanjata bl-iskemi ta' taħriġ u mentoraġġ neċessarji tal-għalliema hija essenzjali biex jiġi żgurat aċċess għat-tagħlim mill-bogħod. Dan huwa meħtieġ ukoll biex jiġi żgurat li l-inugwaljanzi eżistenti fis-sistema edukattiva ma jiggravawx minħabba l-kriżi tal-COVID-19.

(21) Il-Belġju adotta ħafna skemi li jappoġġaw il-likwidità tad-ditti, fosthom skema ta' garanzija tal-Istat għal self u diversi skemi reġjonali nnotifikati skont il-qafas temporanju għall-miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex jingħata sostenn lill-ekonomija matul il-pandemija preżenti tal-COVID-19. L-implimentazzjoni effiċjenti u effettiva ta' dawn l-iskemi, inkluż minn intermedjarji, hija kruċjali biex jiġi żgurat li d-ditti, speċjalment l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u l-ħaddiema għal rashom, jibbenefikaw minnhom sabiex jipproteġuhom u jippermettulhom irkupru aktar rapidu. Fil-proċess tat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri, jeħtieġ li titqies ir-reżiljenza tas-settur bankarju, inkluż l-intermedjarji.

(22) Minkejja l-isforzi tal-gvern, il-piż amministrattiv fuq id-ditti huwa ta' xi EUR 7 biljun fis-sena (1,6 % tal-PDG), li ħafna minnu huwa riżultat tal-konformità mal-liġi tat-taxxa u tax-xogħol. Is-sistema fiskali hija kumplessa minħabba diversi nefqiet fiskali. Il-ġestjoni tar-remunerazzjoni għal kumpanija hija kumplessa, b’mod partikolari għall-kumpaniji li jenħtieġ li jġestixxu s-sistemi reġjonali varji. In-negozji jesperjenzaw żieda fid-dewmien fil-pagamenti mill-awtoritajiet pubbliċi li tikkontribwixxi għall-fallimenti tan-negozji u deterjorament fil-klima kummerċjali. Hemm dewmien kbir għall-permessi tal-bini u għall-konnessjonijiet tal-elettriku u tal-ilma. Il-proċess ta' trasferiment ta' proprjetà huwa fost l-aktar kajmana u l-aktar għaljin fl-Unjoni. Hemm diskrepanzi reġjonali kbar fil-kundizzjonijiet tad-dħul għas-servizzi tal-inġenji/tal-bini. L-effett kumulattiv ta' regolamentazzjoni għolja, l-ispejjeż tal-paga għoljin u r-riġiditajiet tas-suq tax-xogħol huma ta' piż fuq il-prestazzjoni tas-settur tal-bejgħ bl-imnut. Ir-regoli dwar il-ħinijiet tal-ftuħ tal-ħwienet, il-promozzjonijiet tal-bejgħ, l-iskonti u l-mezzi ta’ distribuzzjoni għall-mediċini li jinxtraw mingħajr riċetta huma ta’ piż fuq l-ambjent operattiv għall-bejjiegħa bl-imnut. L-introduzzjoni tal-5G tista' tinżamm lura, fost affarijiet oħra, bi standards stretti ambjentali u dwar is-saħħa għall-protezzjoni mir-radjazzjoni (b'mod partikolari fi Brussell) li jvarjaw minn reġjun għall-ieħor, b'taxxi għaljin fuq l-antenni fi Brussell u ż-żmien twil biex jingħata permess biex jintużaw l-antenni. Fil-qasam tal-insolvenza, ma hemm l-ebda proċedura ta' saldu extraġudizzjarja speċjali simplifikata għall-SMEs u d-debituri biss jistgħu jibdew proċeduri ta' insolvenza. Minkejja t-titjib gradwali, l-isfida ta’ diġitalizzazzjoni insuffiċjenti u nuqqas ta’ riżorsi għas-sistema ġudizzjarja għadha preżenti. Proċedimenti twal fil-ġustizzja amministrattiva jikkawżaw dewmien sinifikanti għall-akkwist pubbliku u għall-każijiet tal-permessi tal-bini. L-infurzaturi ewlenin fis-sorveljanza tas-suq, fil-kompetizzjoni u fit-trasport ferrovjarju ma għandhomx biżżejjed persunal biex iwettqu l-kompiti tagħhom.

(23) Biex jiġi stimulat l-irkupru ekonomiku, ser ikun importanti li l-proġetti maturi ta' investiment pubbliku jiġu ffinanzjati b'mod aktar sostanzjali fil-bidu tagħhom, u li jiġi promoss l-investiment privat, inkluż permezz tar-riformi rilevanti, li jkun jgħin ukoll it-tranżizzjoni industrijali. Kif ġie ddikjarat fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima (NECP) 2021-2030, il-Belġju għandu ħtiġijiet sinifikanti għall-investiment fit-trasport sostenibbli, b'mod partikolari biex tiġi indirizzata l-konġestjoni u l-mobbiltà elettrika. Qabel il-kriżi tal-COVID-19, ir-reġjuni tal-Belġju kienu ħabbru pjanijiet pluriennali kbar għall-infrastruttura tat-trasport. Madwar Brussell qed isir investiment kbir fil-ferroviji suburbani, fis-sinjalar, u fil-konnessjonijiet ferrovjarji tal-portijiet u dawk transfruntiera. Jinsabu għaddejjin ukoll investimenti sinifikanti fl-infrastrutturi tal-metro, tat-tram u tal-karozzi tal-linja ta' Brussell. L-NECP identifika wkoll ħtiġijiet importanti għall-investiment fil-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli u flessibbli, fl-interkonnessjonijiet, fil-grilji intelliġenti, fil-ħżin u fl-effiċjenza enerġetika biex jintlaħqu l-miri Ewropej għall-enerġija u l-klima, biex jiġu ssodisfati l-impenji legali tal-Belġju li gradwalment jelimina kompletament l-enerġija nukleari sal-2025 u li jġedded 80 % tal-istokk tal-bini li nbena qabel l-introduzzjoni tan-normi tal-enerġija. B’kuntrast għall-intensità relattivament għolja tar-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) privati, l-intensità tar-R&Ż pubbliċi għadha kemxejn aktar baxxa minn ta’ ħafna mill-Istati Membri b’livell simili ta’ żvilupp ekonomiku. Hemm ir-riskju li l-Belġju jinqata’ lura fl-użu tal-5G billi mhuwiex jippjana li jassenja l-baned pijunieri tal-5G fl-iskadenzi pprovduti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. F’Marzu 2020, l-awtoritajiet Belġjani fetħu konsultazzjoni pubblika għal liċenzji nazzjonali temporanji għall-200 Mhz ta’ spettru disponibbli fil-banda 3.6-3.8 Ghz bħala soluzzjoni temporanja. L-ipprogrammar tal-Fond għal Transizzjoni Ġusta, li huwa s-suġġett ta' proposta tal-Kummissjoni, għall-perjodu 2021-2027 jista' jgħin lill-Belġju jindirizza xi wħud mill-isfidi li toffri t-transizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima, b'mod partikolari fit-territorji koperti mill-Anness D tar-rapport dwar il-pajjiż għall-2020. Dan jippermetti lill-Belġju jagħmel l-aħjar użu minn dak il-Fond.

(24) Filwaqt li r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż magħmulin f'din ir-Rakkomandazzjoni ("ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2020") jiffukaw fuq l-indirizzar tal-impatti soċjoekonomiċi tal-pandemija tal-COVID-19 u fuq l-iffaċilitar tal-irkupru ekonomiku, ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019 ukoll koprew riformi li huma essenzjali biex jiġu ttrattati l-isfidi strutturali fuq perjodu ta' żmien medju sa dak twil. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019 jibqgħu pertinenti u se jkomplu jiġu monitorjati matul is-Semestru Ewropew tas-sena d-dieħla. Dan jinkludi r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019 fir-rigward tal-politiki ekonomiċi relatati mal-investiment. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019 kollha għandhom jitqiesu għall-ipprogrammar strateġiku tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni ta' wara l-2020, inkluż għal miżuri ta' mitigazzjoni u l-istrateġiji ta' ħruġ fir-rigward tal-kriżi kurrenti.

(25) Is-Semestru Ewropew jipprovdi l-qafas għal koordinazzjoni kontinwa tal-politika ekonomika u tal-impjiegi fl-Unjoni, li jista' jkun ta' kontribut għal ekonomija sostenibbli. Fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tal-2020 tagħhom, l-Istati Membri evalwaw il-progress li sar fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti. Billi jiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2020, il-Belġju ser jikkontribwixxi għall-progress lejn l-SDGs u għall-isforz komuni biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà kompetittiva fl-Unjoni.

(26) Il-koordinazzjoni mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja hija kruċjali fil-kisba ta' rkupru rapidu mill-impatt ekonomiku tal-pandemija tal-COVID-19. Jenħtieġ li, bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, il-Belġju jiżgura li l-politiki tiegħu jibqgħu konsistenti mar-rakkomandazzjonijiet tal-2020 għaż-żona tal-euro u jibqgħu kkoordinati ma' dawk tal-Istati Membri l-oħra li l-munita tagħhom hija l-euro, filwaqt li jittieħed kont tal-gwida politika mill-Grupp tal-Euro.

(27) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2020, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Belġju u ppubblikatha fir-rapport dwar il-pajjiż għall-2020. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2020, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2020 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Belġju fi snin preċedenti. Il-Kummissjoni ħadet kont mhux biss tar-rilevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Belġju, iżda wkoll tal-konformità tagħhom mar-regoli u l-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li l-governanza ekonomika ġenerali tal-Unjoni tissaħħaħ billi jingħata input, fuq livell tal-Unjoni , f'deċiżjonijiet nazzjonali futuri.

(28) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2020 u l-opinjoni tiegħu[8] hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Belġju jieħu azzjoni fl-2020 u fl-2021 biex:

1. Tieħu l-miżuri kollha meħtieġa, f'konformità mal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, biex tindirizza b'mod effettiv il-pandemija tal-COVID-19, issostni l-ekonomija u tappoġġa l-irkupru sussegwenti. Meta l-kondizzjonijiet ekonomiċi jkunu jippermettu, issegwi politiki fiskali mmirati lejn il-kisba ta' pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq perjodu medju ta' żmien u tiżgura s-sostenibbiltà fejn jidħol id-dejn, filwaqt li ttejjeb l-investiment. Issaħħaħ ir-reżiljenza kumplessiva tas-sistema tas-saħħa u tiżgura l-provvista ta' prodotti mediċi kritiċi.

2. Ittaffi l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 fuq l-impjiegi u mil-lat soċjali, speċjalment billi tippromwovi l-miżuri attivi tas-suq tax-xogħol effettivi u trawwem l-iżvilupp tal-ħiliet.

[8] Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

3. Tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri biex jipprovdi likwidità biex jassisti lill-SMEs u lill-ħaddiema għal rashom u ttejjeb l-ambjent tan-negozju. Tiffinanzja b'mod sostanzjali fil-bidu tagħhom proġetti maturi ta' investiment pubbliku u tippromwovi l-investiment privat biex jiġi stimulat l-irkupru ekonomiku. Tiffoka l-investiment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari fuq l-infrastruttura għal trasport sostenibbli, il-produzzjoni u l-użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija, l-infrastruttura diġitali, bħan-Networks 5G u Gigabit, u r-riċerka u l-innovazzjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*